# Nostalġija tal-Festa ta' Sta. Katarina fix-Xitwa

Kitba ta' Patrick **Zahra**

Diġa għaddew ħamsa u għoxrin sena minn mindu konna niċċelebraw il-festa ta' Santa Katarina fix-xitwa jew aħjar fix-xahar proprju tagħha, dak ta' Novembru. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li fil-jum liturġiku tal-25 ta' Novembru, aħna m'aħniex niċċelebraw festa mill-isbaħ ukoll. Biss l-ewwel ħsibijiet li jgħaddu minn moħħi hekk kif niftakar fil-festa ta' Santa Katarina fix-xitwa tista` tgħid li kienu jiem ta' qtugħ il-qalb kbira għaliex it-temp qatt ma kien jippermetti li dan iseħħ, l-iktar f'aħħar għaxar snin li ċċelebrajna il-festa fix-xitwa proprju qabel is-sena 1990.

Ma jistax jonqos li lilna d-delittanti tal-festa din il-frustrazzjoni bdiet tiela' għal rasna sew, tant hu hekk, li l-interess f'dak li għandu x'jaqsam mal-armar ta' barra beda jonqos sew u l-ġbir fil-festa beda jonqos minn sena għall-oħra. Kull sforz beda jsir sabiex il-festa tfittex tiġi trasferita għall-ġimgħa ferm aħjar fejn kull min kien iħejji xi attivitajiet marbuta mal-festa setgħu jitgawdew.

Biss l-armar ta' ġewwa tal-knisja xorta waħda baqa' jiġi mirqum sewwa u l-festa nterna tista' tgħid li baqgħet waħda popolari ferm. Dan kien żmien meta fit-tridu u f'jum il-festa inkuż il-paniġierku kont tara lil kulħadd libes ilbies pulit u adattat ħafna mhux bħall-jiem sħan tas-sajf. Iżda ta' min ifakkar ukoll li l-festa esterna tagħna kienet baqgħet tiġi ċċelebrata biss minn meta jibda t-tridu sa nhar il-festa. Il-baned tagħna li kienu jibdew is-servizzi tagħhom mill-Ħamis u jolternaw darba kull wieħed bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa, bis-Sibt u l-Ħadd inklużi b'attivitajiet li ma jaqtgħu xejn. Il-qofol tal-baned kien jintlaħaq is-Sibt lejliet il-festa bi programm kbir li jsaħħar lil kulhadd bħal ma għadu sal-lum. Blu dubja ta' xejn il-festi ta' ġewwa f'dak li għandu x'jaqsam ma` mużika fil-knisja kienu taħt il-bakketta tal-mibki, Mro Frankie Diacono li l-orkestra tiegħu kienet infittxija ferm minna ż-Żwieten u minn bosta delettanti tal-festi.

Iżda li hu żgur li jien, li ili nsegwi l-festa bosta snin, ma rajt l-ebda rigress fl-attendenza tal-festi ta' ġewwa minn dik tax-xitwa għall-lum. Biss li hu żgur hu li l-festi ta' barra splodew minn kull aspett manifestiv. Barra minn hekk iż-

ikompli f'paġna 33

*ikompli min paġna 32*

żmiem tal-festa fuq barra twal għal-ġimgħa sħiħa.

Waħda mill-ħwejjeġ li kienu jaffaxxinaw lil ħbieb tal-festa, kienet ix-xita ta' karti li kienet tinżel mal-faċċata tal-knisja hekk kif Santa Katarina kienet tfeġġ fil-bieb prinċipali. żgur li ix-xorb irqieq kien aktar infittex milli hu illum mal-parruċċani kollha. Barra min hekk il-ħruġ tal-vara nhar il-festa kien ferm aktar kmieni mill-lum peress li il-ħin kien dak xitwi wkoll. Imbagħad xi ngħidu għax-xalata ta' l-għada tal-festa. Din kienet tkun xi ħarġa għall-familja ġewwa l-kampanja mhux bħal dik tal-lum xi mawra lejn il-baħar. ħaġa oħra li tibqa tinħass sew minna id-dilettanti huwa il-fatt li saret qabża kbira f'dak li għandu x'jaqsam mal-qasam piroтekniku. Fejn il-kwalita' mhux biss żdiedet iżda anke il-kwantita' ta' jiem ta' ħruq matul il-ġimgħa tal-festa. Niftakar lid-dilettanti tan-nar jew ifittxu jeħilsu ix-xogħol li jkollhom minħabba li x-xita tkun indendla jew jgħattu kollox bil-boroż biex wieħed jipprova jinqeda mill-aħjar li jistgħa.

Kollox għandu it-tajjeb u l-inqas tajjeb tiegħu, biss jekk tqies kollox issib li l-miżien jegħleb lejn il-festa tas-sajf. Mela issa ejjew inkomplu nibnu fuq dak li għandna u qatt ma inwarbu dak li verament huwa l-essenżjal. Inħallu lil Alla jieħu ħsiebna u lil Patruna tagħna tkompli turina id-dawl li jwassalna għal għand Alla 'l Missier.

